MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1534/1998/1

**Dottor John J. Cassar LLD ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Rapid Exchange Company Limited**

**v.**

**Carmen Grech ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Sylvia Boutique**

Il-Qorti:

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta

illi huwa biegh merkanzija lill-konvenuta fl-14 ta' April 1997 skond *invoice/delivery order* (Dok A); illi l-istess konvenuta accettat il-merkanzija u iffirmat ghaliha u dan fis-somma ta' elf tlett mija u sitt liri u erbghin centezmu (Lm1306.40); illi fil-fatt il-konvenuta ma hallsitx u meta giet mitluba sabiex thallas gabet l-iskuza li l-merkanzija kienet difettuza sena wara li giet konsenjata lilha u ghalhekk sal-lum il-konvenuta ghadha debitrici fl-ammont fuq indikat; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara lill-konvenuta debitrici versu l-attur nomine fis-somma ta' Lm1306.40 kif imsemmi *supra*; 2. tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont hekk dovut; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-14 ta' April 1997 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:
Illi t-talbiet tas-socjetà attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija mibjugha m'hijiex tal-kwalità mwieghda;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri; bl-ispejjez

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta illi permezz taghha, wara illi ppremettiet illi hija xtrat merkanzija, u cioè 284 qmis tal-irgiel, minghand is-socjetà attrici kif jidher fid-*delivery order* datat 14 ta' April 1997, anness bhala Dok. A mis-socjetà attrici; illi hija nformat lis-socjetà attrici diversi drabi, kemm verbalment u anki bil-miktub, illi din il-merkanzija in kwistjoni, u cioè qomos, ma kienux tal-kwalità pattwita, peress illi, *inter alia*, kienu ta' qisien hazin, kellhom thazziz fuqhom bl-inka, kienu ta' stil antik, kellhom labar imsaddin, u kienu b'komma qasira minflok b'komma twila; illi kull darba illi l-konvenuta tkellmet mas-socjetà attrici, senjatament ma' certu Geoffrey Wismayer,

u informatu dwar il-merkanzija difettuza, dana dejjem kien ipprometta illi sejjer jirrimedja; illi nonostante dawn il-promessi, baqa' ma ghamel xejn, anzi irrikorra ghall-proceduri odjerni; u illi l-konsenja in kwistjoni hi difettuza u mhux tal-kwalità patwita; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-merkanzija mibjugha lill-konvenuta m'hijiex tal-kwalità mwieghda; 2. tinnomina perit sabiex jaghmel stima tal-istess merkanzija; 3. konsegwentement l-ammont likwidat mill-istess perit jigi pacut, jekk ikun il-kaz, mall-ammont mitlub mis-socjetà attrici; bl-ispejjes, kontra s-socjetà attrici, ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attur nomine ghall-kontro-talba illi permezz taghha eccepixxa:

Illi t-talbiet tal-konvenuta kontenuta (*sic*) fil-kontro-talba huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-merkanzija mibjugha kienet ta' kwalità tajba u kien biss sena wara li l-konvenuta rreklamat li sabet xi difetti;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri; bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, 2002 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba tal-konvenuta u laqghet it-talbiet attrici billi ddikjarat lill-konvenuta debitrici versu l-attur nomine fis-somma ta' elf tlett mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmu (Lm1306.40) ghal merkanzija lilha mibjugha u konsenjata u billi kkundannat lill-konvenuta thallas l-ammont hekk dovut; bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta fil-fatt qed tilmenta li fil-konsenja kellha xi qomos li s-*size* ma kienx jaqbel man-numru fil-qmis; kien hemm xi qomos ohra li meta nhaslu dawn inxtorbu.

“Ghalkemm it-tifla tal-konvenuta qalet li kienet ilmentat ma’ Wismayer dwar dina l-konsenja, hija qatt ma uriet dawn il-qomos difettuzi lil Wismayer ghax qalet li dan ma kienx jaghtiha cans. Lanqas ma kienet irritornat dawn il-qomos li Wismayer.

“Il-Qorti kienet [in]nominat espert tekniku biex jezamina dawn l-allegati qomos difettuzi, izda fil-fatt ma sar xejn u l-inkarigu tal-perit kien gie revokat u l-kawza kienet tkompliet minghajr kostatazzjoni tal-allegati difetti fil-konsenja (ara fol. 65).

“Illi jigi rilevat li meta saret id-*delivery* tal-merkanzija in kwistjoni fil-hanut tal-konvenuta kien hemm prezenti l-konvenuta u t-tifla taghha li vverifikaw il-konsenja fid-dettal (ara x-xhieda ta’ haddiema li kkonsenjaw il-merkanzija) u l-konvenuta accettat il-merkanzija bhala li kienet *in good order and condition* (fol. 4).

“Il-konvenuta qed tissottometti li hija ma setghetx tara mill-kaxex jekk il-qomos kellhomx difetti. Mix-xhieda prodotta però jirizulta li l-konvenuta kienet taf bis-*sizes* li ordnat. Il-konvenuta ma gabitx prova ta’ kemm kien hemm qomos b’*sizes* hziena f’dina l-konsenja kollha. Il-konvenuta ezaminat il-qomos fid-dettal u setghet tara jekk il-labar kienux bis-sadid u jekk il-qomos kellhomx thazziz bl-inka. Hi setghet tara wkoll jekk kienux ta’ stil antik. Inoltre ghalkemm fid-dikjarazzjoni hija tghid li dawn kienu bil-komma qasira minflok bil-komma twila, fil-fatt hija kienet qed toggezzjona ghal qomos bil-komma twila ghax kien diehel is-sajf.

“Dawn l-ilmenti tal-konvenuta però ma gewx kostati [*sic*] minn Wismayer ghax il-qomos qatt ma gew murija lilu w lanqas ma gew ritornati lura. Inoltre l-Qorti ma kelliex l-opportunità li tivverifika jekk fil-fatt kienx hemm difetti. Dan apparti l-fatt li l-Qorti hi tal-fehma li meta rceviet dawn il-qomos il-konvenuta kienet accettathom bla riserva u accettathom bhala li kienu *in good order and condition*.

"L-Art. 1390 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.

"*L'articolo 1104 (1390) accorda al compratore due azioni nel caso che la merce non corrispondesse all'ordine, cioè l'azione di rifiuto della merce e l'azione di diminuzione di prezzo.*

"*Il rifiuto della merce non è più possibile quando, ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte; ma l'altra azione è sostenibile quando si riceve la merce sotto protesto e colla espressa riserva di chiedere i danni ossia la diminuzione di prezzo* (*Mizzi vs M.A. Refalo noe et* 17.1.1911).

"Fil-kaz in ezami l-konvenuta baqghet tbiegh minn dawn il-qomos u m'ghamlet ebda *claim* ghal tnaqqis fil-prezz hlief li zmien wara bdiet tghid li kien hemm id-difetti u dan meta l-attur beda jinsisti ghall-pagament.

"Mit-talba tal-konvenuta (ara kontro-talba a fol. 11) jidher li l-konvenuta qed tippretendi li l-konsenja kollha tigi dikjarata li ma kientix tal-kwalità pattwita, tant li qed titlob ukoll li l-ammont likwidat ta' dina l-merkanzija jigi pacut mal-ammont mitlub mis-socjetà attrici. Il-konvenuta donna mhux qed tippretendi biss li jsir xi tnaqqis ghal xi qomos li hargu difettuzi imma li l-konsenja kollha tigi dikjarata difettuza haga li ma tistax issir meta hija baqghet tbiegh minnha.

"Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tasal ghall konkluzjoni li t-talba attrici ghandha tigi milqugha u l-kontrotalba tal-konvenuta tigi michuda."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuta illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:
"… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta'

Frar, 2002, billi, filwaqt illi *ai termini* tal-Art. 663 tal-Kap. 12 tordna illi jigi nominat espert tekniku biex jezamina l-qomos difettuzi, tirrimetti l-atti tal-kawza lill-istess Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex, wara illi l-espert tekniku hekk nominat jirrelata, tghaddi biex tiddeciedi l-kawza skond il-ligi";

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi l-appell jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi konfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-uniku aggravju illi l-konvenuta avanzat kontra s-sentenza appellata huwa ta' *indole* procedurali u, fir-rikors ta' appell, huwa espress fit-termini segwenti:
"Meta l-inkariku tal-perit tekniku gie revokat ghaliex 'fil-fatt ma sar xejn', l-ewwel Onorabbli Qorti kienet tenuta tinnomina perit iehor biex jezamina l-qomos difettuzi.

"Huwa sottomess illi l-Art. 663 tal-Kap. 12 jimponi *dmir* fuq il-Qorti f'kaz bhal dan illi '*ex ufficio tahtar perit iehor*'."

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti dan l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa' ghal raguni procedurali. Infatti, kieku l-appellanti kellha ragun f'dak illi qed tissottometti permezz ta' l-aggravju in ezami, l-effett kien ikun illi s-sentenza appellata tkun nulla. Jirrizulta, però, illi l-appellanti ma talbitx illi dina l-sentenza tigi dikjarata nulla u dina l-Qorti ma tistax tmur oltre dak mitlub mill-appellanti fir-rikors ta' appell taghha. Tajjeb illi jinghad ukoll illi, kieku l-appellanti talbet illi s-sentenza appellata tigi dikjarata nulla, tali talba riedet tigi konsidrata minn dina l-Qorti fid-dawl ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 790 tal-Kap. 12;

Indipendentement mill-konsiderazzjonijiet maghmula fil-paragrafu ta’ qabel dan, però, tajjeb illi, a skans ta’ ekwivoci, jinghad illi dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta’ l-appellanti illi meta l-ewwel Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ l-espert tekniku William Cassar Torreggiani - kif jirrizulta illi ghamlet permezz ta’ digriet moghti waqt l-udjenza tat-tlettax (13) ta’ Lulju, 2001 (fol. 64) - hija kellha “dmir” impost fuqha mill-artikolu 663 tal-Kap. 12 illi tahtar perit tekniku iehor. L-imsemmi artikolu 663 tal-Kap. 12 - fil-parti tieghu rilevanti ghall-kwistjoni in ezami - jiddisponi hekk:
“Il-perit illi, minghajr raguni tajba, jiddawwar jew jirrifjuta li jipprezenta r-rapport fiz-zmien li jkun gie moghti lilu l-ewwel darba jew kif imgedded, jitlef *ipso facto* l-hatra, u l-qorti *ex officio* tahtar perit iehor floku …”;

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, dan il-provvediment tal-ligi jaghti lill-Qorti l-poter - u mhux jimponi dmir fuqha - illi meta hija tirrevoka l-hatra ta’ perit tahtar perit iehor floku minghajr il-htiega illi tigi mitluba mill-partijiet, jew minn wiehed jew wahda minnhom, illi taghmel hekk. Sta ghall-Qorti illi, f’kull kaz partikolari, tiddeciedi jekk, fic-cirkostanzi illi jkollha quddiemha, dan il-poter ghandhiex tezercitah jew le;

Dina l-Qorti ma tisatx ma tosservax illi, kieku l-konvenuta appellanti riedet illi jinhatar perit iehor, hija kellha ampja opportunità illi titlob lill-ewwel Qorti illi taghmel hekk. Infatti, mill-atti processwali jirrizulta illi:

(i) kif già inghad, l-inkarigu ta’ l-espert William Cassar Torreggiani gie revokat waqt l-udjenza tat-13 ta’ Lulju, 2001;

(ii) fit-13 ta’ Lulju, 2001 l-kawza “… giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-16 ta’ Novembru 2001 …”;

(iii) fis-16 ta’ Novembru, 2001 il-kawza regghet giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-tnax (12) ta’ Dicembru, 2001;

(iv) fit-12 ta’ Dicembru, 2001 il-kawza giet “… differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Frar 2002 …”;

(v) fil-25 ta’ Frar, 2002 giet pronunzjata s-sentenza appellata;

Tajjeb illi jigi rilevat illi waqt l-udjenzi tat-13 ta’ Lulju, 2001, tas-16 ta’ Novembru, 2001, tat-12 ta’ Dicembru, 2001 u tal-25 ta’ Frar, 2002 il-konvenuta qatt ma dehret;

Fl-ahharnett, huwa utili illi jigi osservat ukoll illi waqt l-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fis-16 ta’ Novembru, 2001 gie verbalizzat hekk:
“Fuq talba ta’ Dr. Sladden [illi kienet qed tippatrocinja lill-konvenuta];

“Il-kawza tibqa’ differita ghall-finali tr[att]azzjoni ghat-12 ta’ Dicembru 2001 …”;

F’din l-udjenza l-konvenuta mhux talli ma nsistietx ghan-nomina ta’ perit iehor, talli, *tramite* d-difensur taghha, talbet illi l-kawza tigi differita ghall-finali trattazzjoni;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------